## POETA

Ta' WALLACE PH. GULIA

"X'inhu poeta?" staqsa tifel ċkejken,
u jien li kont għaddej ħarist ġo fija,
biex, jekk poeta jien, nagħti tweġiba—
Bniedem li jaħseb ħafna u fit-tul,
u jemmen fit-tajjeb u s-sabiħ,
u fis jintlaqat u jħoss
għallinqas ħaġa li ħadd ieħor
iħalli mar-riħ tintesa.
Wieħed li joħlom wieqaf
li s-sew xi darba jirbaħ,
li l-mewġ tal-ħajja għad jistrieħ,
bħall-baħar wara taqliba kbira;
u meta jsib li xorta baqa' mqalleb
jittama li għada jkun sabiħ u
jgħanni l-ġrieħi tiegħu bla qsim il-qalb.
Ferħan b'erba' kelmiet maħżuża
mgħaġġla fuq karta
f'lok bl-esperjenza li lil ħaddieħor
tħenni, tkabbar u ssaltan!
Dan ħabib, poeta!

Imma dan mhux
dak li kienu qalulna tajjeb
Dun Karm u ħafna oħrajn!
Fein hu l-profeta?
Fejn ir-rand u l-barka?

Tassew hekk hu!
Imma hekk naħsibha jiena,
jekk jien poeta.
Ma' dak li nemmen ma nilgħabx;
għallinqas għidtlek sewwa tassew xi nħoss.

Iżjed la tistaqsix!
Iġġagħlnix nigdeb!

11 ta' Awissu, 1964.



## INTI MIFDIJA WKOLL...!

Ta' PAWLU AQUILINA

Kien raxx id-dlam...
Għaddiet miblugħa
Minn quddiem biebU
Miftuħ,
Bħal dejjem...!
'Ma *darba* daħlet
Ġibdet għan-nofs
U telgħet...
Sa ħdejH,
QuddiemU!
F'mixjitha mxejra
Dehru ġenbejha maħlulin,
Imtertqa...!
U waslet
Wiċċ imbwiċċ miegħU...!
Maħsulin ħaddejha
Bi dmugħ l-imrar, l-indiema...
Bi dmugħ il-maħfra
X'ħin semgħetu jlissen
Hieni, bħal benna leħnU:
"Inti mifdija wkoll!"

18.6.64

## EPIGRAMMI

Ta' ANTON BUTTIGIEG

### Fil-Milied

Kull sena fil-Milied kulħadd xi ħaġa
joffri bil-ħrara lil Ġesù Tarbija;
it-twajbin joffru u jagħtu r-rieda tajba,
il-ħżiena joffru wkoll: l-ipokrisija.